Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 399/2015

Il-Pulizja

Vs

Joseph Scicluna

Illum 27 ta' April, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Joseph Scicluna detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 48773M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'April 2014, f'dawn il-gżejjer, sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz lil Awtorita' dwar it-Trasport;

2. U aktar talli f'April 2014 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, bagħbas, neħħa, biddel jew għamel numru ta' identifikazzjoni ta' *chassis* jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u ċioe' biddel in-numru tac-*chassis* ta' vettura 4J4FJN9P7PP245730 ma' numru J9G93EA150327;

3. U aktar talli f'April 2014 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita' jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li tagħha setgħet

ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, kellu fil-pussess tiegħu, uża jew ippermetta li tintuża jew biegħ jew xort'oħra trasferixxa jew ħareġ jew ippermetta li tinħareg minn xi depożt tad-Dwana vettura bil-mutur li ma ġietx reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att, u ċioe' vettura bin-numru tac-*chassis* J9G93EA150327 u vettura bin-numru tac-*chassis* 4J4FJN9P7PP245730;

4. U aktar talli f'April 2014 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer bil-ħsieb li jevadi taxxa dovuta jew li tista' ssir dovuta fl-ammont ta' Euro 2,398 naqas milli jagħti avviż ta' dik l-importazzjoni, dħul jew manifattura ta' vettura bin-numru ta' *chassis* 4J4FJN9P7PP245730 lill-Awtorita' jew fi stqarrija li għamel lill-Awtorita' għall-għanijiet ta' dan l-att ta tagħrif li kien jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali;

5. U aktar talli f'April 2014 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer għamel jew naqas milli jagħmel jew ippermetta li ssir jew tonqos milli ssir xi ħaġa jew xi att bil-ħsieb li jevadi jew jipposponi l-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fl-ammont ta' Euro 2,398 kontra l-liġi.

L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ukoll bir-rispett mitluba sabiex f''każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-vettura preżentement bin-numri tac-*chassis.*

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kollha stante li ma gewx sufficjentement ippruvati u illiberat lill-imsemmi Joseph Scicluna mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Awwissu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat **ħati** tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u konsegwentement tordna l-konfiska tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep bin-numru tac-*chassis* 4J4FJN9P7PP245730 u kif ukoll tinfliġġi piena ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament totalment żbaljat tal-provi miġjuba quddiema li wassal sabiex l-appellat *qua* imputat ġie illiberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, hekk kif se jigi spjegat f'dan ir-rikors t'appell;

Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha;

Illi għar-rigward tat-tieni akkuza, b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jifhem kif hija lliberat lill-imputat minn tali akkuża. Hekk kif jixhed Dok. DB2 esebit fl-atti proċesswali, bħala stat ta' fatt in-numru tac-*chassis* J9G93EA150327 huwa tal-vettura tal-għamla Jeep Renegade li l-appellat xtara mill-irkant imtella' mid-Dwana. A kuntrarju ta' dan, meta l-Pulizija spezzjonat il-vettura tal-għamla Wrangler Jeep li l-appellat sussegwentement kien importa, hija sabet li din l-imsemmija vettura kellha żewġ VIN, u ċioe' VIN J9G93EA150327 (dak li huwa tal-vettura tal-għamla Jeep Renegade), u VIN 4J4FJN9P7PP245730 (il-VIN proprja tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep). Dan imur kontra kull norma stante li vettura jkollha VIN wieħed biss li jkun jinstab f'postijiet differenti tal-vettura u mhux żewġ VIN differenti! Illi minn investigazzjoni kondotta mill-Pulizija irriżulta b'mod car li l-appellat Joseph Scicluna qala' l-VIN plate tal-vettura Jeep Renegade li l-appellat xtara mill-irkant imtella' mid-Dwana u waħlu fuq il-vettura tal-għamla Wrangler

Jeep liema vettura kien importa sussegwentement. Dan għamlu mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u bl-intenzjoni li jiżgwida lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta dwar l-identita' proprja tal-vettura Wrangler Jeep. Fl-istqarrija debitament rilaxxata mill-appellat nhar it-28 t'April 2014 huwa jammetti li għamel dan. Fl-istqarrija huwa jgħid is-segwenti:

D. Minn fejn ġibt il-vin plate li l-Pulizija sabet imwaħħla mal-Jeep?

T. **Li kien fuq il-body l-ieħor.** Dak ma inqatax għax b'żewġ viti jeħel.[1] (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi quddiem ammissjoni ċara bħal din wieħed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha! L-appellat għamel dan kollu biex jagħti x'jifhem li l-vettura Wrangler Jeep kienet dik il-vettura li kien xtara mill-irkant imtella' mid-Dwana nhar l-14 ta' Settembru tas-sena 2008 billi din il-vettura kienet irreġistrata mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u kellha t-taxxa tar-reġistrazzjoni mħallsa. Illi sabiex l-appellat ikompli jagħti x'jifhem li l-vettura Wrangler Jeep kienet dik il-vettura li kien xtara mid-Dwana fl-2008 huwa ggrajndja n-numru tal-magna ta' din il-vettura sabiex ikun konformi mad-dokument maħruġ mid-Dwana esebit bħala Dok. DB2 fejn hemm indikat li n-numru tal-magna tal-vettura tal-għamla Jeep Renegade ma kienx magħruf. Illi kemm il-kopja tar-ritratti esebiti fl-atti proċesswali u kif ukoll ic-*CD* immarkat bhala Dok. GF 2 juru b'mod ċar il-VIN plate J9G93EA150327 li nqala' mill-vettura tal-għamla Jeep Renegade u li sussegwentement twaħħal fuq il-vettura tal-għamla Wrangler Jeep, juru l-VIN proprja tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep u cioe' VIN 4J4FJN9P7PP245730, u kif ukoll li n-numru tal-magna tal-vettura Wrangler Jeep ġie ggrajndjat mill-appellat;

Illi minkejja li l-appellat Joseph Scicluna jargumenta li peress li l-vettura tal-għamla Jeep Renegade kienet fi stat ħażin u l-*body* kellu s-sadid, huwa kkonverta l-vettura tal-għamla Jeep Renegade f'vettura tal-għamla Wrangler Jeep fejn bidel ukoll it-tappezzerija, id-*dashboard*, u l-*gearbox*, wieħed mill-ewwel jinnota li l-argumentazzjoni tiegħu ma tagħmilx sens għax il-mudelli tal-vetturi Jeep Renegade

[1] A fol. 12 tal-atti proċesswali.

u Wrangler Jeep mhumiex l-istess. Illi għalhekk il-*gearbox* tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep ma setgħet qatt taqbel mal-magna tal-vettura tal-għamla Jeep Renegade. Kif ukoll il-*body parts* li l-appellat jgħid li bidel ma setgħux jigu ffittjati fuq vettura ta' mudell differenti. *Di piu'* l-argument tal-appellat fejn jgħid li qala' l-*body* ukoll ma jagħmilx sens stante li r-ritratti li hemm fic-CD immarkat bhala Dok. GF 2 juru b'mod car li l-*body* ma setax inqala' kif qed jagħti x'jifhem l-appellat peress li l-ammont kbir ta' sadid li hemm mal-boldijiet li jorbtu c-*chassis* mal-*body* jindika b'mod car li dawn ma setgħux inqalgħu minn ma' xulxin. Kif ukoll is-*security sticker* li nstabet imwaħħla mal-*body* tikkorrispondi man-numru tac-*chassis* li nstab waqt il-VRT u għalhekk il-*body* u c-*chassis* huma tal-istess vettura;

Illi għar-rigward <u>tal-ewwel akkuża</u>, in vista tas-suespost, huwa ampjament ċar li l-appellat Joseph Scicluna xjentement ta tagħrif falz lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta meta ta x'jifhem li l-vettura tal-għamla Wrangler Jeep kienet dik il-vettura li kien xtara mill-irkant imtella' mid-Dwana nhar l-14 ta' Settembru tas-sena 2008 u li fuqha waħħal l-VIN plate J9G93EA150327 liema VIN plate jappartjeni lill-vettura Jeep Renegade. Huwa għamel dan kollu sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu billi juża' r-reġistrazzjoni u l-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni li kien diġa' għamel għar-rigward tal-Jeep Renegade li xtara mill-irkant imtella' mid-Dwana hekk kif juri Dok. DB2, biex b'hekk jikseb reġistrazzjoni għall-vettura li sussegwentement importa tal-ghamla Wrangler Jeep u b'hekk jevadi r-reġistrazzjoni u t-taxxi dovuti għar-reġistrazzjoni tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep;

Illi b'referenza <u>għat-tielet, ir-raba' u l-ħames akkuża</u>, l-artiklu 4 tal-Kapitlu 368 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

<u>**Kull min jimporta jew idaħħal vettura bil-mutur f'Malta,**</u> kull persuna li toqgħod f'Malta li ddaħħal f'Malta vettura bil-mutur minn Stat Membru ieħor taħt kuntratt ta' *lease* jew kiri għal perjodu li jkun soġġett għall-ħlas ta' taxxa tar-reġistrazzjoni skont l- artikolu 3(2) u kull min jimmanifattura vettura bil-mutur f'Malta <u>**għandu, mhux aktar tard mill-ewwel ġurnata ta' xogħol wara li l- vettura tasal Malta jew tkun manifatturata, jagħti avviż ta' dik l- importazzjoni, dħul jew manifattura lill-**</u>

**<u>Awtorità b'dak il-mod hekk kif tista' tordna l-Awtorità minn żmien għal ieħor, jew hekk kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti.</u>** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi l-appellat Joseph Scicluna rreġistra u ħallas t-taxxa ta' reġistrazzjoni għar-rigward tal-vettura Jeep Renegade bin-numru tac-*chassis* J9G93EA150327 **<u>biss</u>**, hekk kif juri Dok. DB2, u mhux għar-rigward tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep bin-numru tac-*chassis* 4J4FJN9P7PP245730 li sussegwentement huwa kien importa;

Illi għalhekk, bħala stat ta' fatt u fid-dawl tas-suespost, l-appellat naqas milli javża lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta dwar l-importazzjoni tal-vettura tal-għamla Wrangler Jeep bin-numru tac-*chassis* 4J4FJN9P7PP245730 meta kellu fil-pussess tiegħu u uza din l-imsemmija vettura. Konsegwentement għar-rigward ta' din l-imsemmija vettura l-appellat naqas ukoll milli jirreġistraha mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u kif ukoll l-appellat għamel dan kollu bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta li tammonta għal €2,398 hekk kif hemm miktub fil-*Letter to Prosecute* tat-Transport Malta esebita bħala Dok. BF. Illi għalhekk, b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jifhem kif illiberat lill-appellat Joseph Scicluna mit-tielet, ir-raba' u l-ħames akkuża;

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti Avukat Generali hassu aggravat bid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti billi dehrlu illi ma sarx apprezzament tajjeb tal-provi mismugha billi fil-fehma tieghu gie ippruvat illi l-appellat sabiex jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni u importazzjoni fuq vettura li huwa kien importa minn barra minn Malta tal-ghamla Jeep Wrangler biddel ic-*chassis* number ta' dik il-vettura ma' dik ta' vettura ohra tal-ghamla Jeep Wrangler mixtrija b'irkant mid-Dwana u dan lura fl-2008.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[2].

[2] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa l-appellanti jishaq illi ghalkemm huwa bidel il-body tar-Renegade li huwa xtara mid-Dwana fl-2008 u ghamlilha xi tibdiliet ohra, madanakollu jichad illi ghamel it-tibdil fin-numru tac-chassis kif allegat u li kien hu stess li indika dan in-numru li kien inkixef meta jallega illi ha l-vettura ghat-testijiet tal-VRT u dan qabel ma mar biex jirregistraha f'April tal-2014 mal-Awtorita tat-Trasport.

Illi ghalkemm huwa minnu li huwa kemmxejn stramb illi il-vettura li l-appellanti mar biex jirregistra mal-Awtorita dwar it-Trasport instabet b'zewg nurmu VIN li l-wiehed minnhom kien jappartjeni lill-vettura Renegade, madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tilhaq il-grad ta' prova mehtieg minnha fil-kamp penali. Dan ghaliex fl-ewwel lok l-appellanti Avukat Generali jasal ghal konkluzjoni illi l-appellat importa vettura tal-ghamla Wrangler Jeep mill-Ingilterra u sabiex jevadi t-taxxa fuqha wahhal in-numru tac-chassis tar-Renegade u ghaddieha bhala l-istess vettura, izda bil-body mibdul. Illi bir-rispett kollu dan il-fatt ma hux sorrett mill-ebda prova fl-atti. Minn imkien ma jirrizulta illi l-appellat importa xi vettura tal-ghamla Wrangler mill-Ingilterra. Ma hemm l-ebda dokument li isostni dina l-affermazzjoni u cioe' li giet importata vettura tal-ghamla Wrangler Jeep mill-appellat f'xi zmien wara l-akkwist tal-Jeep Renegade. L-appellat fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija u anke fix-xhieda tieghu ighid illi huwa importa *body parts* u *gearbox* mill-Ingilterra u ghamel it-tibdil fir-Renegade u dan sehh ftit wara li kien xtara l-vettura bl-irkant. Izda minn imkien mill-provi li hemm fl-atti ma jirrizulta illi giet importata vettura shiha.

Illi anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha temmen din it-tezi ipprospettata mill-Prosekuzzjoni, l-provi huma mankanti f'aspett iehor importanti. Dan ghaliex l-akkuza tirreferi ghal data specifika u cioe' ghal perijodu ta' April 2014 u ix-xhur ta' qabel. Issa mill-provi akkwiziti jirrizulta inkonfutabbilment illi l-appellat akkwista l-vettura Jeep Renegade mill-irkant tad-Dwana diversi snin qabel u precisament fl-14

ta' Settembru 2008[3]. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-appellat ighid illi huwa biddlilha il-body, izda  ma jindikax il-perijodu taz-zmien meta ghamel dan. Fix-xhieda tieghu imbaghad ighid li dan ghamlu fiz-zmien meta xtraha. Lanqas ma tirrizulta prova wahda dwar il-perijodu taz-zmien meta l-appellat allegatament seta' importa vettura ohra Jeep Wrangler mill-Ingilterra kif ipprospettat mill-Prosekuzzjoni. Kwindi ma jistax jinghad illi r-reati addebitati lill-appellat gew kommessi minnu fil-perijodu indikat fl-akkuza u cioe' f'April 2014 u x-xhur ta' qabel billi ma hemm l-ebda indikazzjoni, jekk il-fatti sehhew kif qed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni, taz-zmien meta l-appellat effetivament seta' ikkometta dawn ir-reati. Li hu zgur huwa biss illi huwa mar biex jirregista l-vettura mal-awtoritajiet f'April 2014 meta allura kellha issir l-ispezzjoni, izda dan ma ifissirx illi t-tibdil necessarjament sehh fil-perijodu indikat fl-akkuza. Kwindi fin-nuqqas ta' provi cari l-Ewwel Qorti gustament kellha tghaddi ghal liberatorja billi l-akkuzi kif addebitati lill-appellat certament ma gewx sufficjentement ippruvati u huma ibbazati kollha kemm huma fuq supposizzjonijiet u kongetturi, li ghalkemm jistghu iwasslu ghal grad tal-probabbli, izda ma jilhuqx l-oneru iebes li ghandha fuqha il-Prosekuzzjoni u cioe' tal-prova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[3] Ara Dokument DB2 a fol.6 tal-process.